# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 897/01**

**Numru 28**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Noel u Josette konjugi Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu is-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sebghin lira (Lm2473) rappresentanti import ta' erbgha u ghoxrin (24) kambjali, tlieta u ghoxrin ta' Lm103 u wahda ta' Lm104, debitament accettati u skaduti minn Novembru 1999 sa Ottubru 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 24 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Settembru 2001 jammontaw ghal Lm201, oltra l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa fol 25 tal-atti.

Semghet lill-konvenut li f'ismu kif ukoll f'isem martu l-konvenuta ammetta t-talbiet attrici (ara l-verbal tas-seduta tallum stess, is-7 ta' Jannar 2002).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2473.00,0 bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sat-18 ta' Settembru 2001 ammontanti ghal Lm201 u dak ulterjuri mid-19 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjes.

Albert Calleja
Deputat Registratur